# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 20 ta' April 2017**

**Mandat Numru: 344/2017/1 JPG**

**Malta Dairy Products Ltd. (C7833)**

**VS**

**Christopher Spiteri (ID 202481M) u martu Dorienne Spiteri (ID 429182M)**

**Il-Qorti,**

Rikors ta' Malta Dairy Products Limited (C7833), datat 1 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk;

*Jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament: -*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimati, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari (hawn ikteb id-dettalji tal-proprjetà immobbli kif stipulati mill-Att dwar ir-Registru Pubbliku):*

1. ***Il-flat internament numerat tnejn (2) bieb numru hamsa u tletin (35), fi Triq Wenzu Gafa', Hal Qormi, u nofs indiviz tal-entratura, entrata, tarag sal-bejt u nofs indiviz ta' parti diviza tal-bejt li fiha kejl ta' circa tlieta punt tnejn, hamsa metri kwadri konfinanti mill-punent ma' beni ta' Mansueto Zammit, mill-lvant u nofsinhar ma' parti diviza ohra tal-bejt hawn taht deskritta, u parti diviza tal-bejt tal-imsemmi flat tal-kejl ta' circa tlieta u sittin metri kwadri konfinanti mill-lvant mal-imsemmija triq, mill-punent, ma' beni ta' Mansueto Zammit u tramuntana mat-tarag, jew irjieh verjuri, soggett ghac-cens annwu u perpetwu msemmi f'dak l-att.***

   *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimati.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Risposta ta' Christopher Spiteri ID: 202481(M) u martu Dorianne Spiteri ID: 429182(M), datata 4 ta' April 2017, (vide fol 18 et seq), li jaqra hekk;

Jesponu Reverentement:

*1. Illi din hija kwistjoni bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimat Christopher Spiteri li sa ftit xhur ilu kien distributur tal-halib self employed ghas-socjeta' rikorrenti fl-inhawi ta' Marsaskala;*

*2. Illi s-somma li tixtieq tikkawtela r-rikorrenti permezz tal-mandat odjern tirrapprezenta kontijiet allegatament dovuti mill-intimat bhala hlasijiet dovuta minnu ghax-xiri ta' prodotti tal-halib li tqassmu fil-hwienet gewwa Marsaskala, u ghalhekk hija kwistjoni purament pekunjarja;*

*3. Illi l-intimat twaqqaf arbitrarjament mis-socjeta' rikorrenti mid-distribuzzjoni tal-prodotti tas-socjeta' rikorrenti b'rizultat li hemm kawza fl-ismijiet inversi li qed*

*tinstema' minn dina l-Onorabbli Qorti diversament komposta (rikors mahluf numru 1168/16SM);*

*4. Illi kontestwalment mar-rikors odjern, gie ukoll intavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 345/17 (akkordat fl-1 ta' Marzu 2017 minn dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta) sabiex tigi ikkawtelata s-somma pretiza fir-rikors mahluf (numru 170/17MCH) kif indikata ukoll fir-rikors odjern;*

*5. Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat;*

*6. Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti prima facie jidher li ghandha dawk il-jeddijiet;*

*7. Illi mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrenti trid tissodisfa:*

- *Fl-ewwel lok, trid turi li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li tippretendi li ghandha; u*

- *Fit-tieni lok, trid tipprova li prima facie ghandha dawn il-jeddijiet.*

*8. Illi l-ligi ghalhekk thares il-jedd prima facie bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew thassib;*[1]

[1] "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" - Qorti tal-Kummerc - digriet tas-26 ta' Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

*9. Illi dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-gurisprudenza prevalenti nostrana tghallimna li "... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat";*[2]

*10.Illi l-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Il-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju li ma jkunx jista' jigi irrimedjat. Irid jinghad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat mir-rikorrenti jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat;*[3]

*11.Illi l-hsara jew il-pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta'* ***telf pekunjarju*** *cioe telf ta' qliegh jew flus. Di fatti, skont l-insenjamenti tal-Qrati taghna "tqis illi huwa ukoll mizmum li l-hrug ta Mandat ta' Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi";*[4]

*12.Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali: "il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem";*[5]

*13.Illi l-Qorti taghna gjaladarba gharfu illi "r-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza* ***bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn****. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat*

[2] "Grech pro et noe vs Manfre" - Qorti tal-Appell - sentenza tal-14 ta' Lulju 1988.
[3] "Avukat Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et noe" - Prim' Awla - digriet tat-2 ta' Jannar 1993 fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.
[4] "Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et" - Prim' Awla - sentenza tat-13 ta Mejju 2014.
[5] "Charles Mugliett vs Saviour Bonnici" - Prim' Awla - sentenza tal-25 ta' Jannar 2005.

*ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din";*[6]

*14.Illi r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat;*[7]

*15.Illi jinghad ukoll illi talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd;*

*16.Illi ghandu jirrizulta pacifiku illi d-dritt pretiz mir-rikorrenti huwa biss wiehed pekunjarju semplici kontra l-intimati u ghaldaqstant jonqos ir-rekwizit ta' hsara irrimedjabbli;*

*17.Illi konsewgentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-esponenti;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Victor Axiaq** xehed a fol 27 *et seq* illi kien gie prezentat mandat ta' sekwestru mis-socjeta rikorrenti kontestwalment mal-mandat ta' inibizzjoni **fl-1 ta' Marzu 2017**, **u minn dik il-gurnata ghad m'hemm l-ebda ammont maqbud.**

[6] "Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti" Prim' Awla - digriet tat-18 ta' Lulju 2008.
[7] "V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti" - Prim' Awla - sentenza tal-31 ta' Jannar 2011.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* jehtieg il-

harsien li, l-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus**. Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza fit-**13 ta Mejju 2014**, per Onor Imhallef J.R.Micallef :

> "***Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li***

***tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi***" (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003; Giovann Grech vs Kristen Grech** deciza fil-21 ta' Mejju 2015; **Charles Schembri vs Victor Vella** deciza **23 ta' Gunju 2015**; **Bollicine Limited vs Pyramid Hotels Limited** deciza fit-**13 ta' Ottubru 2015**.

Mill-provi li gew prodotti quddiem din il-Qorti, ghalkemm jirrizulta illi l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti hija wahda li tirreferi ghall-kumpens kwantifikabbli, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Victor Axiaq illi din il-pretensjoni ma tistghax tigi mharsa b'rimedju proceduri kawtelatorju iehor, u dan stante illi minkejja li s-socjeta rikorrenti intavolat ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimati, ma gew prezentati l-ebda cedoli ta' depozitu fir-Registru tal-Qorti. L-intimat minn naha taghhom ma ressqu l-ebda prova illi l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti tista' tigi kkawtelata b'xi mod iehor.

Hija tal-fehma konsiderata tal-Qorti ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi, minkejja li l-hrug ta' dan il-mandat qed jintalab sabiex tigi kawtelata pretensjoni pekunarja, jezistu l-elementi rikjesti sabiex jinhareg dan il-mandat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tinibixxi lill-intimat milli jitrasferixxi, jbiegh, jew jassenja taht kwalsiasi titolu s-segwenti proprjeta:

Il-flat internament numerat tnejn (2) bieb numru hamsa u tletin (35), fi Triq Wenzu Gafa', Hal Qormi, u nofs indiviz tal-entratura, entrata, tarag sal-bejt u nofs indiviz ta' parti diviza tal-bejt li fiha kejl ta' circa tlieta punt tnejn, hamsa metri kwadri konfinanti mill-punent ma' beni ta' Mansueto Zammit, mill-lvant u nofsinhar ma' parti diviza ohra tal-bejt hawn taht deskritta, u parti diviza tal-bejt tal-imsemmi flat tal-kejl ta' circa tlieta

u sittin metri kwadri konfinanti mill-lvant mal-imsemmija triq, mill-punent, ma' beni ta' Mansueto Zammit u tramuntana mat-tarag, jew irjieh verjuri, soggett ghac-cens annwu u perpetwu msemmi f'dak l-att.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni odjern.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moghti Kameralment illum il-Hamis 20 ta' April 2017**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**